TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Angela Schembri

vs

Homemate

CCT 77/22/MS

11 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Mejju 2022 fejn talbet lil dan it-Tribunal tikundanna l-azjenda intimata thallasha l-ammont ta' mija disgha u sebghin euro (€179.00), prezz ta' cordless vacuum cleaner, mixtrija minghand l-azjenda intimata, liema vacuum cleaner ma bdietx tahdem kif suppost meta kienet ghadha taht il-garanzija u ma kenitx tajba ghal-uzu li ghaliha kien intenzjonata;

Ra r-risposta tal-azienda intimata pprezentata fit-22 ta' Gunju 2022 fejn qalet illi il-hsarat kienu kawza ta' uzu hazin tal-prodott min-naha tar-rikorrenti u ma kien hemm l-ebda difett latenti jew hsara fil-manifattura tal-prodott;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ra illi hadd ma deher ghall-azjenda intimata debitament notifikata fl-avviz tat-talba u tas-smigh.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtrat cordless stick vacuum cleaner tad-ditta Ariete fid-9 ta' Gunju 2021 ghall-prezz ta' €179.00. Ir-rikorrenti uzat dan il-prdodtt ghal disa' xhur minghajr problemi, sakemm f'Marzu 2022 din ma bdietx tahdem. Ir-rikorrenti qalet illi kienet tuza l-vaccum cleaner gewwa d-dar biex tiknes u tigbor it-trab - li huwa l-uzu mistenni ghal prodott bhal dan. Meta din ma baqghetx tahdem haditha lura minn fejn xtratha, u wara erba' tijiem irceviet telefonata fejn qalulha li t-tiswija ma kienx koperta bil-

garanzija, ghaliex kien dahal trab fil-magna u kien b'hekk li mar il-mutur. Talbuha mitt euro ghat-tiswija. Hi ma accetatx li thallas il-mitt euro, peress illi il-vacuum cleaner kienet ghadha taht garanzija.

Illi fir-risposta taghha, li qatt ma giet konfermata bil-gurament, l-azjenda intimata kkonfermat illi l-prodott inxtara fid-9 ta' Gunu 2021 ghal-prezz ta' €179.00 b'garanzija ta' sentejn, u fl-14 ta' Marzu 2022 giet lura ghandhom ghat-tiswija. Il-prodott ingabar minn Crosscraft u fit-18 ta' April 2022, dawn irraportaw illi l-prodott kien intuzat hazin u li l-hsara ma kienx attribwibbli ghal xi difett latenti. It-Tribunal ha jipproduci il-bran relevanti tar-risposta:

*"On the 18 April 2022 Crosscraft Co. Ltd. reported that item was misused and that damages to the appliance were caused by incorrect use and improper cleaning of appliance filters."*

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrenti qed titlob l-ammont ta' €179.00 - prezz ta' vacuum cleaner mixtrija minghand l-azjenda intimata li zviluppat hsarat fil-perjodu tal-garanzija.
Illi fir-risposta taghha l-azjenda intimata tghid illi dawn il-hsarat zviluppaw minhabba uzu hazin min-naha tar-rikorrenti.

Huwa principju ben risaput illi min jallega irrid jipprova l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."
Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova.

L-azjenda intimata qed tallega illi kien hemm uzu hazin tal-prodott min-naha tar-rikorrenti u li minhabba f'hekk, il-garanzija ta' sentejn m'ghandhiex tapplika. Effettivament, pero', din l-allegazzjoni qatt ma giet sostanzjata bl-evidenza. L-azjenda intimata nghatat l-opportunita' kollha illi tipproduci l-provi u x-xhieda taghha in sostenn ta' dak li kienet qed tallega. M'hux talli dan m'ghamlitx, talli hadd mill-azjenda intimata ma deher, meta hekk imsejjah biex jixhed u ghalhekk ankeir-risposta baqghet mhux konfermata bil-gurament .

Fin-nuqqas ta' din il-prova, it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrenti, li fic-cirkostanzi hija verosimili. In vista tal-fatt illi l-vacuum cleaner kienet ghadha taht garanziija, ir-rikorrenti ghandha ragun titlob li l-oggett jissewwa b'xjen jew inkella, jekk dan mhuwiex possibbli, li tinghata flusha lura.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-azjenda intimata thallasha l-ammont ta' €179.00. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru